**8 ta' Mejju, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Reggie Fava *noe*

*versus*

Tabib Prinċipali tal-Gvern

**Appell minn Sentenza - Akkwixxenza għal dik is-Sentenza - Rinunzja ta' l-Appell**

*Kienu x'kien u r-raġunijiet li induċewjew, anke, kkostrinġew lill-konvenut li fil-mori ta' l-appell jagħmel proprju dak li talbet is-soċjeta` attriċi fil-kawża, xorta waħda dak l-għemil huwa akkwixxenza vera u proprja għad-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad u għalhekk huwa għemil li ma jistax, ġuridikament, ma jfissirx rinunzja effettiva ta' l-appell.*

Il-Qorti:-

Is-soċjeta` attriċi fit-28 ta' Novembru, 1991 ippreżentat ċitazzjoni fejn - wara li ppremettiet illi għamlet offerta biex tfornixxi *non-sterile surgical latex gloves* wara avviż li ħareġ il-konvenut; Il-konvenut informa lis-soċjeta` li l-offerta ġiet aċċettata u speċifika l-kwantita`, il-miżuri u anke l-prezz ta' l-ingwanti li s-soċjeta` kellha

tfornixxi; illi s-soċjeta` għamlet żewġ konsenji imma sussegwentement il-konvenut informa lis-soċjeta` li ma kienx lest li jirċievi l-bqija tal-kwantita` ta' l-ingwanti - talbet lill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla biex (i) tiddikjara illi l-konvenut kien ordna u huwa obbligat jieħu l-konsenja ta' l-ingwanti minnu msemmija fl-ittra tad-9 ta' Mejju, 1991 - Dokument I u (ii) tikkundannah jaċċetta l-ingwanti u jħallas l-ekwivalenti fi flus maltin, tas-somma ta' sebat elef, ħames mija u sitta u tletin Deutschemark (DM7536);

Il-konvenut oppona illi l-kuntratt kien jobbligah illi jixtri biss parti mill-kwantita` ta' ngwanti msemmija fl-istess kuntratt. Għall-bilanċ, il-konvenut ma kienx obbligat li jixtri, iżda l-kumpannija attriċi kellha l-obbligu li, għal sena, żżomm għad-dispozzijoni tal-konvenut dawk l-ingwanti biex ikun jista' jixtri minnhom skond il-bżonn. L-azzjoni attriċi għalhekk m'għandhiex fondament ġuridiku;

Is-sentenza tad-9 ta' Novembru, 1992 ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti laqgħet it-talbiet attriċi u kkundannat lill-konvenut li jħallas lis-soċjeta` is-somma ta' elf erba' mija u erbgħa u disgħin lira (Lm1,494) bl-ispejjeż;

Il-konvenut appella, iżda fil-mori ta' l-appell, fl-udjenza ta' l-15 ta' Frar, 1995 l-avukat tar-Repubblika, Dottor Peter Grech informa l-Qorti, li, għal raġunijiet kontinġenti; l-merkanzija kollha ġiet effettivament mixtrija mill-Gvern. B'dan kollu huwa ssottometta li, għall-finijiet tal-kap ta' l-ispejjeż, xorta waħda hemm bżonn ta' sentenza minn din il-Qorti;

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni fuq il-kap ta' l-ispejjeż, fis-sens illi din il-Qorti għandha xi dover li, **eżawrit effettivament u konkretament il-meritu** ta' xi kwistjoni li jkollha

quddiemha, hija għandha l-obbligu li teżamina l-meritu tal-kawża **irrispettivament minn dak li attwalment ġara fil-mori ta' l-appell**. Kienu x'kienu r-raġunijiet li induċew jew, anke, ikkostrinġew lill-konvenut li jagħmel proprju dak li talbet is-soċjeta' attriċi fil-kawża, xorta waħda dak l-għemil huwa akkwixxenza vera u proprja għad-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad u għalhekk huwa għemil li ma jistax, ġuridikament, ma jfissirx rinunzja effettiva ta' l-appell;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti, innotata r-rinunzja effettiva tal-konvenut għall-appell minnu intavolat, tikkonferma għal kull buon fini s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-konvenut.